**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 10/09(17_12_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-10 ta' Diċembru 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Attivitajiet tal-Milied 2009.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
10. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand Din l-Art Ħelwa, l-Gozo & Comino Group – November 2009 Newsletter.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Director of Environment tal-MEPA rigward 'Collection of municipal waste by RCV's (Refuse Collection Vehicles).

2.03 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-30 t' Ottubru 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 77/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Sit eletroniku www.lc.gov.mt'.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward il-Kuntratti dwar ġbir ta' skart imħallat.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 75/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Tqassim ta' *Memos* lill-Kunsillieri'.

2.07 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Segretarju Privat, Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni għal-laqgħa informali għas-Sindki Għawdxin rigward il-miżuri li ttieħdu fil-*budget* b' rabta mal-Kunsilli Lokali, fis-26 ta' Novembru 2009 fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria, msejjħa mill-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni.

2.08 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kap Eżekuttiv, Green MT għal-laqgħa dwar ġbir ta' Skart ta' l-Ippakeġġjar għall-Kunsilli Għawdxin.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Managing Director, Innovaxin International Ltd. rigward 'Activity Tourism in your Local Council Area'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 76/2009 mingħand l-Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ħaddiema IPSL'.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċjal Attivitajiet, Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ rigward il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2010.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 01032/09 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq ta' Bardan, limiti tal-Munxar, minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti f' kmamar f' għalqa u żewġ ġwiebi.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 80/2009 mingħand l-Assistenta Personali/Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Pubblikazzjoni ta' *Bye-Laws* ta' 2009 li jirregolaw il-karozzini ġewwa l-Imdina (Kunsill Lokali Imdina).

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Moviment ta' Kana Għawdex rigward il-Konkors 'Familja Qalb tad-Deheb' sena 2009.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 78/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-proġett ta' Youth in Action li ser isir fi Spanja bejn l-1 u s-7 ta' Marzu 2010.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 81/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Tqassim ta' *Memos* lill-Kunsillieri u Avviżi u Kwotazzjonijiet fil-Gazzetti'.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 82/2009 mingħand l-Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ftuħ ta' Uffiċini Amministrattivi'.

2.19 Il-Kunsill irċieva Memo 84/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Allokazzjoni Finanzjarja għas-Sena 2010'.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 01009/09 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fl-Entrata ta' Kamleta, limiti tal-Munxar, minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp bi ksur ta' kundizzjonijiet 3 u 4 tal-permess PA572/06 datat 23 t' Ottubru 2007, peress li qala' ħitan tas-sejjieħ aktar milli approvat, kif ukoll għandu varjazzjonijiet mill-pjanti approvati li jinkludu l-ġiebja u d-demmiela.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward l-allokazzjoni Finanzjarja 2010.

2.22 Il-Kunsill irċieva kopja tal-Minuti tal-Laqgħa tas-Sindki Għawdxin tal-Kumitat tar-Reġjun t' Għawdex tat-12 ta' Novembru 2009 u l-Aġenda għal-Laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat.

2.23 Il-Kunsill irċieva Memo 85/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Posta Eletronika għal Kull Kunsillier'.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Project Leader European Social Fund 1.40 Science Popularisation Campaign, Malta Council for Science & Technology dwar 'Hosting a Science in the Community event'.

2.25 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fis-27 ta' Novembru 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Senior Principal Officer, EU & International Affairs, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Programm Information and Communication Technologies - Policy Support Programme (ICT-PSP) tal-Competitiveness and Innovation Framework Programme (CIP).

2.27 Il-Kunsill irċieva Memo 86/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Ħlas ta' *Performance Bonus*'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-Kunsill Lokali Sannat bagħat lill-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement fejn qed jiġu informati li l-parti ta' Triq ta' Marżiena li hi bejn il-grawnd tal-futbol ta' Sannat u l-iskola Primarja ta' Sannat tagħmel mal-konfini ta' Sannat u għalhekk kontravvenzjonijiet għandhom jibdew jinħarġu fuq il-Kunsill Lokali Sannat.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kappillan Dun Tonio Galea fejn qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex nagħtu tliet rigali lill-isbaħ tliet grotti kif ukoll tifkira żgħira lil kull min jieħu sehem. Huwa qed jissuġġerixxi li rigali jkunu kotba. Ser jieħdu sehem 25 parteċipant, 8 bniet u 17 subien. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kompetizzjoni trid tkun organizzata mill-Kunsill sabiex jingħataw dawk ir-rigali. Kien hemm qbil dwar dan.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna rigward kontravvenzjoni li ngħatat. Din qed tinforma lill-Kunsill li peress li kitbet lill-Bord tal-Petizzjonijiet, għalissa m'hijiex ser tħallas din il-kontravvenzjoni.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur George Cassar, Awtur tal-ktieb 'Żmien il-Ħsad' li jikkonsisti f' damma ta' kitbiet imżewwqa. Huwa informa lill-Kunsill li dan il-ktieb jinbiegħ €5 imma jekk il-Kunsill jogħġbu jordna xi kopji għal-Librerija jew biex jingħataw bħala premjijiet f' xi attivitajiet jew kompetizzjoni, l-prezz ikun ta' €4. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jixtri ħames kotba. Kien hemm qbil dwar dan.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Bird Breeders Society fejn qed isaqsu lill-Kunsill jekk din is-sena bħal snin oħra l-Kunsill hux ser jisponsorja tazza li tingħata lil membru mil-lokalita' li jkun għamel suċċess fil-Wirja Annwali ta' din is-sena li ser issir fil-21 u 22 ta' Novembru 2009 fil-*Gymnasium*, ir-Rabat, Għawdex. L-ispiża għal din it-tazza hija ta' €50. Qed jitolbu risposta sa qabel il-Milied. Kien hemm qbil dwar it-talba.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumpanija Fair Trading Ltd. rigward il-*Bring in Sites*.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 10/09(17_12_09).

**5.00 Attivitajiet tal-Milied 2009.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar x' attivitajiet għandu jorganizza fil-ġranet tal-Milied għat-tfal tal-lokalita'. Ġie deċiż li ssir ħarġa għat-tfal sabiex inżuru xi presepji f' Għawdex. Din il-ħarġa ser issir nhar is-Sibt, 2 ta' Jannar 2010, fid-9 ta' filgħodu.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien għadu għaddej xogħol fuq tpoġġija tal-madum fil-*Playing Field*. Fuq pariri tekniċi, l-madum l-isfar li ser jinqata' tond ser jinqata' fil-post. Għaldaqstant il-Kuntrattur kien ser jinforma lill-Kunsill bil-prezz li bih ser jaħdem dan ix-xogħol.

**7.00 Rapport tas-Sindku.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-laqgħa tar-Reġjun t' Għawdex ġie diskuss dwar l-offerta tal-Kumpanija Green MT u tal-Kumpanija GreenPak. Ser jiġi kkunsidrat liema hija l-aħjar offerta mill-Kumitat Reġjonali t' Għawdex.

7.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jiffirma l-Patt tas-Sindki bħalma ser jagħmlu Kunsilli oħrajn. Kien hemm qbil dwar dan.

7.03 Is-Sindku rrimarka li s-Serata ta' Jum il-Munxar kienet suċċess pero' l-ħarġa għal Malta u l-ħarġa għal Bethlehem f' Għajnsielem ma tantx kien hemm konkorrenza.

**8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien sar avviż fil-gazzetta tal-Gvern fit-13 ta' Novembru 2009 għat-*Tender* u fl-20 ta' Novembru 2009 għall-Kwotazzjonijiet u fil-Malta Independent fit-18 ta' Novembru 2009 dwar dawn ix-xogħlijiet:

1. *Tender* sabiex isir xogħol ta' *Patching/Resurfacing* fit-toroq.
2. Kwotazzjonijiet sabiex jinksew turġien fil-*Playing Field* bl-irħam.
3. Provista' ta' madum isfar 40cm x 40cm għall-*Playing Field*.
4. Armar ta' toroq fil-Munxar u Xlendi għall-jiem tal-Milied.

8.02 Rigward it-*Tender* ta' xogħol ta' *Patching/Resurfacing* kienu ntefgħu tlieta:

(a) Road Construction Co. Ltd.
(b) Gatt Tarmac Ltd.
(c) Bugeja Bros. (Gozo) Ltd.

Il-Kunsill evalwa t-tliet *Tenders* u ġie deċiż li tingħata lil min qed joffri l-orħos prezzijiet jiġifieri, xogħol ta' *Patching* lil Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. u *Resurfacing* lil Road Construction Co. Ltd.

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva żewġ kwotazzjonijiet għall-irħam tat-turġien tal-*Playing Field*. Dawn kienu:

(a) Michael Pace Gasan - €7,257.
(b) Axiak Bros. (Stone Decorators) - Ltd. €9,720.

Il-Kunsill għażel l-orħos offerta jiġifieri ta' Michael Pace Gasan.

8.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva kwotazzjoni waħda sabiex jinxtara madum 40cm x 40cm ta' kulur isfar sabiex isir id-disinn fl-art tal-*Playing Field*. Din il-kwotazzjoni hija mingħand Halmann u l-ammont huwa ta' €506.24 trasport minn Malta mhux inkluż.

8.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva żewġ kwotazzjonijiet sabiex jiżżejjnu xi toroq fil-Munxar u Xlendi:

(a) Kwotazzjoni mingħand Richard Cauchi fejn qed jitlob is-somma ta' €1,800 u juża tiżjin kollu minn tiegħu inkluż il-*metre* tad-dawl.
(b) Iċ-Ċentru Parrokkjali għas-somma ta' €1,850 u jużaw xi bozoz u festuni tal-Kunsill, jaħdmu 8 stilel u materjal jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qed jiġi mitlub iħallas il-*high-up* għall-armar, il-*metre* tad-dawl u spejjeż tad-dawl.

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali.

**9.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

9.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Puniċi hemm bżonn li tiżdied bozza.

10.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret talba minn xi Bdiewa sabiex jintefa' terrapien f' Wied il-Għarab sabiex jitranġa l-aċċess. Huwa kien ser imur jara l-post. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***